**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 144**

Il-Ħamis, 6 ta' Lulju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Joe Giglio, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu skużati.

L-Onor. Omar Farrugia kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 143 li saret fil-5 ta' Lulju 2023 kienu konfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 9625 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2052 Tagħrif dwar il-konsulenti legali li jagħtu konsulenza fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10708; u

P.L. 2053 Tagħrif dwar il-membri ta' kull bord u entità li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10709.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Robert Cutajar informa lill-Kamra li s-Sinjura Isabelle Bonnici talbet li waqt id-diskussjoni, jitpoġġa ritratt ta' Jean Paul Sofia fuq il-Mejda tal-Kamra.

Il-permess ingħata.

**MOZZJONIJIET**

**119. MOZZJONI TAL-OPPOŻIZZJONI SABIEX JITWAQQAF BORD TA' INKJESTA WARA L-MEWT TRAĠIKA TA' JEAN PAUL SOFIA**

L-Onor. Jerome Caruana Cilia ippropona:

Peress li nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru 2022 waqt li kienu qed isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni, iġġarrfet binja fiż-Żona Industrijali ta' Kordin li kkawżat il-mewt ta' Jean Paul Sofia, żagħżugħ ta' 20 sena;

Peress li wkoll kawża tat-tiġrif tal-imsemmija binja, ħames persuni oħra sfaw midruba, uħud minnhom serjament;

Peress li l-familja taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia, stqarret pubblikament li hija mhix qed tkun infurmata bl-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet dwar din il-mewt traġika;

Peress li l-familja tal-vittma appellat b'mod pubbliku u b'mod ripetut għal inkjesta pubblika dwar il-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia;

Peress li l-Prim Ministru u l-Gvern immexxi minnu diġà ċaħdu u qegħdin ikomplu jiċħdu t-talba tal-familja taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia biex issir inkjesta pubblika dwar il-mewt traġika taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia;

U peress li l-Istat għandu l-obbligu pożittiv li jieħu l-miżuri biex jissalvagwardja l-ħajja ta' persuni li jkunu jinsabu f'pajjiżna, u li dan l-obbligu jinkludi l-obbligu li jkun hemm fis-seħħ qafas regolatorju adegwat kif ukoll l-obbligu li jieħu miżuri operazzjonali preventivi biex jipproteġu lil individwu li ħajtu tkun f'riskju;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Ittenni d-dispjaċir tagħha għall-mewt traġika taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia b'konsegwenza tat-tiġrif ta' binja li fiha kienu qegħdin isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni;

2. Il-Prim Ministru għandu jaħtar Bord ta' Inkjesta dwar il-mewt traġika taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia, skont l-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) u li jkun għalkollox indipendenti mill-Gvern u mill-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet kollha l-oħra, sabiex jeżamina:

   a. jekk f'dan il-każ b'dak li kien mistenni minnhom, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna wettqux l-obbligu pożittiv tal-Istat li jipproteġu l-ħajja ta' Jean Paul Sofia;

   b. jekk fid-dawl tal-funzjonijiet mogħtija lilhom mil-liġijiet ta' pajjiżna, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna setgħux jieħdu miżuri, inizjattivi u azzjonijiet li bihom setgħet tiġi evitata l-mewt taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia;

   c. jekk min kien u/jew huwa fdat bit-tmexxija tal-awtoritajiet u tal-istituzzjonijiet li jirregolaw is-settur tal-kostruzzjoni f'pajjiżna, kienx u/jew huwiex ikkwalifikat, imħarreġ, kompetenti, imħejji u organizzat biżżejjed biex jaqdi l-obbligi tiegħu fl-infurzar tal-liġijiet u tar-regolamenti li jirregolaw is-settur tal-kostruzzjoni f'pajjiżna; u

d. x'miżuri jeħtieġ li jieħu pajjiżna biex l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet eżistenti u li jirregolaw is-settur tal-kostruzzjoni, iwettqu l-obbligu pożittiv tagħhom li jkun hemm fis-seħħ qafas regolatorju adegwat u li jieħu miżuri operazzjonali preventivi biex jipproteġu lil individwu li ħajtu tkun f'riskju.

3. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkun kompost minn dak in-numru ta' persuni magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, li jkun immexxi minn Chairman magħżul minn fost l-Imħallfin sedenti tal-Qrati Superjuri ta' Malta, maħtura mill-Prim Ministru wara riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra.

4. L-inkjesta għandha ssir fil-pubbliku u għandha tiġi mxandra b'mod awdjoviżiv fuq l-internet, iżda l-Bord ta' Inkjesta jista', meta jikkunsidra li jkun strettament hekk meħtieġ, imexxi seduti partikolari fil-magħluq u/jew jimponi restrizzjonijiet fuq l-iżvelar jew il-pubblikazzjoni ta' kull dokument jew xhieda mogħtija jew li jkun sar aċċess għaliha fl-inkjesta b'mod illi tkun protetta l-kunfidenzjalità ta' investigazzjonijiet u ta' informazzjoni li tkun waslet taħt obbligu ta' kunfidenzjalità, iżda biss meta l-kunfidenzjalità ta' dawk l-investigazzjonijiet jew informazzjoni tkun protetta bil-liġi.

5. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkollu dawk il-mezzi, ir-riżorsi u s-sostenn loġistiku li fil-fehma tal-istess Bord ta' Inkjesta jkunu meħtieġa sabiex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu.

6. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha miżmuma minn entitajiet kollha tal-Istat, għandu jirregola l-proċedura tiegħu fuq il-ħwejjeġ kollha inklużi kwistjonijiet dwar l-aċċess għal, u l-parteċipazzjoni tal-familja taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia u tal-pubbliku fil-jew għall-proċeduri u għall-atti tal-Inkjesta. Il-Bord ta' Inkjesta jkollu s-setgħa li jaħtar dik il-persuna jew persuni inklużi assistenti tekniċi u esperti f'oqsma partikolari biex jassistu fl-Inkjesta kif jidhirlu li jkun meħtieġ, b'dan iżda madankollu li persuni hekk maħtura għandhom jissodisfaw l-ħtiġijiet ta' indipendenza u imparzjalità fuq l-istess livell kif meħtieġ f'qorti tal-ġustizzja.

7. Il-Bord ta' Inkjesta għandu, mingħajr preġudizzju għat-twettiq xieraq ta' dawn it-termini ta' referenza, jaħdem biex jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data tal-lum u r-rapport għandu jiġi ppubblikat minnufih u b'mod sħiħ mill-Iskrivan tal-Kamra.

L-Onor. Robert Cutajar issekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-ħin tas-seduta kellu jinqasam indaqs bejn kelliema tal Oppożizzjoni u kelliema tal-Gvern, bil-ftuħ u l-għeluq għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Andy Ellul ressaq din l-Emenda "A" f'dan l-istadju minnufih wara li nqrat il-Mozzjoni 119:

F'isem il-Grupp Parlamentari Laburista qed tiġi proposta din l-emenda għall-mozzjoni kif imressqa mill-Oppożizzjoni b'dan illi l-kliem kollu wara t-tieni paragrafu għandu jitħassar u jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Peress li din il-Kamra tesiġi li ssir ġustizzja u ssir magħrufa l-verità sħiħa fil-każ tal-mewt ta' Jean Paul Sofia, fejn kull min għandu xi responsabbiltà kriminali u/jew ċivili u/jew amministrattiva għandu jwieġeb għal għemilu fil-fora relevanti;

Peress li din il-Kamra qed tingħaqad mal-appelli tal-familja taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia li għandha ssir ġustizzja dwar din il-mewt traġika;

Peress illi dakinhar tal-inċident imsemmi nfetħet inkjesta Maġisterjali skont ma jipprovdi l-Kodiċi Kriminali, bil-Maġistrat inkwerenti jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-għodod u r-riżorsi kollha inkluż dawk tekniċi, u ħatret l-esperti kollha meħtieġa u kellha l-assistenza tal-Korp tal-Pulizija, biex tistabbilixxi l-fatti u tippreserva l-evidenza dwar l-akkadut u dwar kull reat li jista' jirriżultalha fil-mori tal-inkjesta;

Peress illi din il-Kamra għandha fiduċja fil-proċess tal-inkjesta Maġisterjali, li mhux biss għandha r-riżorsi kollha meħtieġa iżda għandha wkoll l-indipendenza u s-salvagwardji meħtieġa biex taħdem f'serenità u bla ebda ndħil;

Peress li sad-data ta' dan id-dibattitu din l-inkjesta Maġisterjali għadha mhix konkluża;

Peress li huwa meħtieġ li l-investigazzjonijiet ta' dan it-tip ikunu konklużi mill-iktar fis u bi prijorità biex jintbagħat messaġġ ċar li każi bħal dawn mhumiex aċċettabbli u min kien responsabbli u kull min għandu jwieġeb għall-akkadut jiffaċċja l-proċeduri meħtieġa;

Għaldaqstant, il-Kamra qiegħda taqbel u tirriżolvi li:

1) Ittenni d-dispjaċir u s-sogħba tagħha għall-mewt traġika taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia b'konsegwenza tat-tiġrif tal-binja li fiha kienu qegħdin isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni u kif ukoll fejn kull persuna oħra li tilfet ħajjitha traġikament f'dawn it-tip ta' inċidenti;

2) Tikkundanna kull tip ta' kummenti mhux xierqa li ntqalu jew dehru online fil-konfront tal-familja ta' Jean Paul Sofia;

3) Tingħaqad mal-appell li l-Prim Ministru għamel lill-Prim Imħallef fit-13 ta' April 2023 biex bl-eżerċizzju tas-setgħat u prerogattivi tiegħu jiżgura li din l-inkjesta Maġisterjali tingħalaq, anke billi t-terminu legali għall-għeluq tagħha ilu li skada u biex il-kors tal-ġustizzja jimxi 'l quddiem u kull min kien responsabbli għall-akkadut u dak li seta' kkontribwixxa għall-akkadut iwieġeb għal għemilu;

4) Tħeġġeġ lill-awtoritajiet investigattivi biex sa fejn huwa possibbli u legali jżommu lill-familja ta' Jean Paul Sofia aġġornata bl-iżviluppi fl-investigazzjoni;

5) Tħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet ġudizzjarji biex fl-iqsar żmien possibbli jikkonkludu kull inkjesta pendenti marbuta mal-mewt traġika ta' ħaddiema fuq il-post tax-xogħol;

6) Tħeġġeġ lill-Gvern biex ikompli jagħti r-riżorsi kollha meħtieġa lill-awtoritajiet ġudizzjarji sabiex ikunu jistgħu jkomplu bil-ħidma tagħhom u jikkonkludu dawn l-inkjesti fi żmien raġonevoli;

7) Tinnota pożittivament l-investiment bla preċedent li qed isir fil-qasam tal-ġustizzja, inkluż, imma mhux limitat, għaż-żieda fil-Membri tal-Ġudikatura, fir-riżorsi umani u anke t-tibdil leġiżlattiv, inkluż iżda mhux limitat għar-riforma ħolistika li qed issir fil-qasam tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif ukoll dik fil-qasam tal-kostruzzjoni, kif ukoll dik fil-qasam tal-liġijiet li jirregolaw l-industrija tal-kostruzzjoni biex tkun sigura u sostenibbli;

8) Tirreferi lill-Gvern għar-rapport indipendenti dwar is-settur tal-kostruzzjoni magħruf bħala r-Rapport Quintano u tinnota li l-Gvern implimenta u qed ikompli jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet minn dan ir-rapport;

9) Tħeġġeġ lill-Gvern biex jibqa' għaddej b'ritmu tajjeb ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Quintano;

10) Tappella lill-isħab soċjali kollha biex ikunu parti mill-bidliet meħtieġa biex f'pajjiżna nsaħħu kultura favur aktar saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

11) Tħeġġeġ lill-Gvern biex jibqa' jinvesti r-riżorsi meħtieġa biex l-awtoritajiet marbuta ma' dan is-settur ikomplu jsaħħu l-ħidma tagħhom u jwettqu r-riformi meħtieġa bi djalogu wiesa' maċ-ċittadini kollha u ma' dawk kollha involuti f'dan is-settur b'rabta mas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll jaġġorna l-metodi li juża fit-tħaddim ta' dak il-post tax-xogħol bil-għan li jiġu evitati riskji u inċidenti prevenibbli.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Jonathnan Attard, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici u l-Onor. Bernard Grech.

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2054 Ittra mibgħuta mill-Prim Ministru u indirizzata lill-Prim Imħallef datata 13 ta' April 2023 dwar l-inċident fatali ġewwa Kordin bil-kollass ta' binja fejn tilef ħajtu Jean Paul Sofia.

Fis-7.00 p.m., fuq talba tal-Oppożizzjoni l-Kamra qablet illi l-ħin allokat għall-Kap tal-Oppożizzjoni għandu jiżdied b'5 minuti.

Meta l-Onor. Karol Aquilina ressaq emenda għall-Mozzjoni 119 kif emendata mill-Emenda tal-Onor Andy Ellul qamu diversi punti dwar l-ammissibilità tagħha.

Fis-7.06 p.m. il-Kamra kienet sospiża u rriżumiet fis-7.25 p.m. meta l-Ispeaker informa lill-Kamra li kien se jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar l-ammissibilità tal-emenda mressqa mill-Onor Aquilina fi stadju ulterjuri.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

L-Onor. Andy Ellul, Whip tal-Gvern, informa lill-Kamra li ai termini tal-Mozzjoni ta' Proċedura 87, kull vot li jista' jintalab mil-lum sat-12 ta' Lulju 2023, flimkien ma' kull votazzjoni konsegwenzjali, għandu jittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta ta' filgħaxija li tiltaqa' dakinhar.

L-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma dan il-ftehim min-naħa tal-Oppożizzjoni.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.26 p.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali, Kap. 363"

Mozzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjetà lil Fortina Developments Ltd

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura — Tieni Qari (Kont.)

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva u Liġijiet Varji — Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji — Tielet Qari

Abbozz ta' Liġi dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv — Tielet Qari

Mozzjoni fir-rigward tal-ħatra ta' bord ta' inkjesta wara l-mewt traġika ta' Jean Paul Sofia — Votazzjoni

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

----

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija — Kumitat Permanenti

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum — Kumitat Permanenti

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent — Kumitat Permanenti

Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija — Kumitat Permanenti

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi — Kumitat Permanenti

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jsaħħaħ il-Libertà tal-Espressjoni Artisitka | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Romilda Zarb.

Fis-7.44 p.m. id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**